MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 347/2013

**Cassar and Schembri (Marketing) Ltd**
**C 33147**
**Vs**
**Interactions Ltd**
**C 48944**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-10 ta’ Gunju, 2013 fejn jghid illi s-socjeta’ attrici Cassar and Schembri (Marketing) Limited pprovdew lis-socjeta’ intimate fuq rikjesta w ordni taghhom, prodotti ta’ l-ikel hekk kif jidher car mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok A. Madanakollu s-socjeta’ intimate ma halsitx dak minnha dovut.

Illi s-socjeta’ attrici nfurmat b’ittra ufficjali lis-socjeta’ intimate datata 15 ta’ Novembru bin-numru progressive 3067/12, fejn gew interpellati jhallsu s-somma ta’ elf seba’ mija erbgha u ghoxrin ewro u erbatax-il centezmu (€1,724.14) minnhom dovuta, rapprezentanti dovuta, rapprezentanti l-prodotti minnhom mixtruja. Nonostante

debitament notifikati, is-socjeta’ intimate ma rrisponditx ghal tali ittra ufficjali.

Per konsegwenza, is-socjeta’ attrici ma ghandiex triq ohra salv illi tipprocedi permezz ta’ din it-talba.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 15 ta’ Novembru, 2012 u bl-imghaxijiet sad-data ral-pagament effettiv kontra l-konvenut, ingunti ‘n subbizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici ghas-subizzjoni tas-socjeta’ konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tas-16 ta’ Ottubru, 2013 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tas-16 ta’ Ottubru, 2013 u filfatt is-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf seba’ mija erbgha u ghoxrin ewro u erbatax-il centezmu (€1,724.14) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali, ikunu a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------